Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,088, 30 ta' April, 2001
Taqsima B

A.L. 111 ta' 2001

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(8) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-Regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli.

(2) Dawn ir-Regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2001.

Drittijiet li jitħallsu għall-appelli.

2. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu skond l-artikolu 37(8) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji fuq appelli għandhom ikunu ħmistax-il lira.